MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 1084/1998/1

**Francis Ciappara**

**Vs**

**Richard Borg**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi fit-23 ta’ Lulju, 1995, ghal habta tas-6.30 pm, f’Parish Street, Naxxar, il-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura numru tar-registrazzjoni N-9970 bi traskuragni, negligenza u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku huwa tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u baqa’ diehel gol-parapett

tad-dar tal-attur u laqat lill-istess attur waqt li dan kien qieghed fuq il-bankina fil-vicinanzi tal-istess parapett.

Premess illi b'konsegwenza ta' tali incident l-attur sofra danni ingenti, inkluzi griehi fuq il-persuna tieghu, li l-attur ghadu sa' illum isofri minnhom, tant li hu qed isofri minn disabilita' permanenti, fil-grad kif jigi provat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u spejjez ancillari ohra inkluzi dawk ghal kura medika u medicinali u telf ta' qliegh.

Premess illi nonostante diversi talbiet maghmula mill-attur lill-konvenut sabiex dan jaddivjeni ghall-likwidazzjoni u konsegwenti hlas ta' danni minnu kagionati lill-istess attur kif premess, kompriza talba permezz ta' ittra ufficjali datata 12 ta' Novembru, 1996, dan baqa' inadempjenti.

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara u tiddeciedi lill-konvenut hu unikament responsabbli ghall-incident stradali li sehh fit-23 ta' Lulju, 1995 f'Parish Street, Naxxar, meta hu investa lill-attur bil-mod kif premess u ghalhekk ukoll tiddikjara lill-istess konvenut responsabbli ghad-danni kollha li sofra l-attur b'konsegwenza ta' dak l-incident, komprizi dawk fuq il-persuna tieghu, liema danni jigu dettaljatament provati waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attur, occorrendo permezz ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur, in linea ta' danni, dawk id-danni li jigu hekk likwidati ai termini tat-tieni domanda.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 12 ta' Novembru, 1996, u bl-imghax legali sal-effettiv pagament.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet** tal-konvenut a fol. 11 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi relattivament ghall-ewwel talba l-attrici, dina hija nfondata sia fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li ma kienx responsabbli l-eccipjent, izda kaz ta’ “casus sentit dominus”.

2. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizju ghas-suespost, l-ewwel talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li l-attur ma sofra l-ebda danni fl-istess incident, kif jigi pruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi relattivament ghat-tieni talba attrici dina ukoll ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li ma hemm l-ebda danni x’jigu likwidati dovuti lill-attur fil-konfront tal-eccipjent.

4. Illi relattivament ghat-tielet talba attrici, dina ukoll ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li ma hemmx danni li ghalihom l-eccipjent ghandu jigi kundannat li jaghmel fronti.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet a fol. 16;

Rat ir-rapport ta’ Mr. Charles Grixti a fol. 27 et seq;

Rat in-noti tal-partijiet;

**PROVI**

Skond l-okkorrenza, jirrizulta li karozza numru N 9970 kienet gejja minn naha tar-*roundabout* matul Parish Street, kif waslet vicin Triq in-Nutar Debono, infethitlu l-bieba tieghu. Huwa baqa’ jsuq bil-konsegwenza li tilef il-kontrol billi tela l-bankina u laqat lill Ciappara li kien ma

huh Leli Ciappara. Il-karozza N 9970 garbet hsara fuq il-*mudguard panel* ta' quddiem tan-naha tal-lemin.

L-attur xehed li dak inhar kien fuq parapett tan-nies wiccu lejn il-bankina u hin minnhom dahlet karozza minn wara u laqtitu f'saqajh.

Hu l-attur, xehed li kien ma huh, l-attur, u ra karozza gejja lejn in-naha taghhom. Qal lill huh biex jersaq ghax kien gej fuqhom izda l-karozza lahqet laqtitu. Dina hadet il-bankina u giet fuqhom.

Il-konvenut ma xehedx.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi mill-provi prodotti, li ma gewx kontestati jirrizulta li l-incident gara tort unikament tal-konvenut.

Kif gie deciz diversi drabi:

*Where a motor vehicle gets on to a pavement intended for foot passengers and injures persons standing there, these facts, in the absence of explanation, constitute evidence of negligence*. (Ellor vs Selfridge 1930; McGowan v Stott 1923; Laurie v Raglan Building Co 1942; Vol XL1 p 2 p 1123).

Fil-kaz in ezami l-konvenut ma xehedx u ma tahx spjegazzjoni x'gara. Izda mir-*Road Accident Report* jirrizulta li l-konvenut titlef il-kontrol tal-vettura meta infethitlu l-bieba. Hu baqa' jsuqu, tela l-bankina u laqat lill-attur. Inoltre l-konvenut ma gabx prova li dak li gara kien b'xi mod kaz fortuwitu.

**LIKWIDAZZJONI DANNI**

**Rapport Mediku**

Skond l-espert mediku nominat minn dina l-Qorti l-attur qed ibati minn disabilita' permanenti ta' 3%.

## Danni

L-attur esebixxa prospett tad-danni sofferti minnu in konnessjoni ma' dana l-incident flimkien ma serje ta' kopji ta' ricevuti fiskali, formoli P3 u dokumenti ohra in konnessjoni ma l-istess.

Bhala dammnum emergens l-attur qed jitlob is-somma ta' Lm185 u dana l-ammont ma giex kontestat.

Kwantu ghal lucrum cessans jigi rilevat li l-attur twieled fil-1940 mentri l-incident gara fil-1995. Fid-data ta' l-incident kellu 55 sena u l-Qorti ghalhekk ser tapplika *multiplier* ta' 6 snin.

Dhul annwu bhala direttur tas-socjeta' Ciappara Construction Ltd qed jippretendi li kien idahhal Lm3,000 fis-sena (ara dok eszibiti) u l-konvenut ma jidhirx li qed jikkontesta dana.

Dwar il-riduzzjoni minhabba *lump sum payment* il-Qorti hi tal-fehma li f'dana l-kaz meta l-kawza ser tigi deciza wara 8 snin wara l-incident (ghalkemm il-kawza giet prezentata fil-1998) u fuq l-iskorta tas-sentenza Caruana vs Camilleri P.A. 5/10/1993, ghandu jkun hemm tnaqqis biss ta' 4%. (20 - 2x8).

Kalkolu : Lm3,000 x 6 x 3% = Lm540 - 4% = Lm518

## Riepilogu

| | |
|---|---|
| Damnum Emergens | Lm185 |
| Lucrum Cessans | Lm 518 |
| **Total** | **Lm 703** |

## DECIZJONI

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi billi
tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali li sehh fit-23 ta' Lulju, 1995 f'Parish Street, Naxxar, meta hu nvesta lill-attur u tiddikjara lill-

istess konvenut responsabbli ghad-danni kollha li sofra l-attur b'konsegwenza ta' dak l-incident, komprizi dawk fuq il-persuna tieghu; u tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attur, fl-ammont ta' Lm703;
u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur, in linea ta' danni, dawn id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tas-sentenza sa l-effettiv pagament.

--------------------------------TMIEM--------------------------------